Kopja Informali ta' Sentenza

MALTA

# QORTI ĊIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMĦALLEF**
**JOSEPH AZZOPARDI**

Seduta tat-12 ta' Jannar, 2004

Ċitazzjoni Numru. 1889/2000/1

**Rikors Nru: 1889/00 JA.**

**John u Giljan ahwa Cassar u b' digriet tal-2 ta' Gunju 1991, l-atti gew trasfusi f' isem Rosaria mart l-mejjet Giljan Cassar li miet fil-mori tal-Appell f' isimhom propju u ghan-nom ta' uliedhom minuri Jeanette, Mario u Armando.**

**-vs-**

**Andrew Garnisi.**

**Il-Qorti;**

Rat ir-rikors ta’ l-atturi pprezentat fit-18 ta’ Settembru, 2000 li permezz tieghu talbu:

Illi b’ sentenza moghtija minn dina l-Qorti fit-8 ta’ Ottubru, 1986 konfermata mill-Qorti ta’ l-Appell fil-5 ta’ Gunju, 1991, l-esponent gie kanonizzat kreditur tal-intimat fis-somma ta’ Lm10174.53, oltre l-ispejjes legali ammontanti ghal Lm1990.714 skond l-annessa taxxa Dok..A u l-imghaxijiet legali;

Illi l-intimat ma’ hallasx xejn mill-ammont fuq indikati u ghalhekk id-debitu tieghu ghadu dovut;

Illi ghaddew aktar minn hames snin mid-data tas-sentenza;

Ghaldaqstant l-esponent jitlob bir-rispett illi dina l-Qorti joghgobha tirrendi s-sentenza titolu ezekuttiv sabiex l-esponenti jkun jista’ jezekwixxi l-istess sentenza fuq indikata.

Rat ir-risposta tal-intimat ipprezentata fl-14 ta’ Dicembru, 2000 li permezz taghha ssottometta:

Illi t-alaba kif proposta u cioe illi l-Qorti tirrendi titolu esekuttiv sentenza hija irritwali peress illi skond l-artikolu 258, it-talba kellha tkun differenti.

Illi fi kwalunkwe kaz, l-intimat Garnisi kien halla l-garanzija li giet accettata ghall-esekuzzjoni ta’ l-istess sentenza, liema esekuzzjoni bl-ebda mod ma’ giet imwettqa da parti ta’ l-istess atturi.

Rat l-atti processwali u l-verbal tas-seduta tas-17 ta’ Novembru, 2003 li permezz taghha il-kawza thalliet ghas-sentenza.

Ikkunsidrat;

Illi dawn huma proceduri ghall-awtorizzazzjoni biex sentenza tigi esegwita. L-intimat qed jirrispondi ghal din it-talba billi ssostni li r-rikorrenti kellhom juzaw proceduri differenti u li hu kin halla garanzija bankarja u kwindi ma' ghandux jigi kkundannat f'dawn il-proceduri.

L-ewwelnett l-Artikolu 258 tal-Kap. 12 citat mill-intimat jghid li l-kriditur irid jipprocedi b' rikors u ghalhekk ma' jidhirx li din l-eccezzjoni hija gustifikata u qed tigi michuda.

Fir-rigward tal-garanzija bankarja, ghalkemm hu minnu li l-kreditur seta thallas, dan ma' jfissirx li b' xi mod l-intimat ghandu xi dritt jippretendi li l-hlas isir skond kif jixtieq jew ikun komdu hu. Kienet tkun haga facili ghalih kien li jithallas, hija li palesament naqas li jaghmel.

**Ghaldaqstant din il-Qorti tichad l-eccezzjonijiet tal-intimat u tilqa' t-talba tar-rikorrenti.**

**L-ispejjez jigu sopportati mill-intimat.**

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------